



Brussell, 22 ta' Frar 2021
(OR. en)

6324/21

COHOM 31
COPS 61
CONUN 14
COASI 23
MAMA 27
COEST 43
COAFR 50
DEVGEN 29
CFSP/PESC 151
COVID-19 46

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Frar 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar irkupru wara l-COVID-19 ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż konklużjonijiet tal-Kunsill dwar irkupru wara l-COVID-19 ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, approvat mill-Kunsill fit-3785 laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Frar 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar irkupru wara l-COVID-19 ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem

Kuntest

1. Il-Kunsill ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem huma lkoll universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati. Dan huwa saħansitra aktar importanti fi żmien ta' kriżi meta rridu nipproteġu b'mod partikolari lill-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, żvantaġġati u emarġinati.
2. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li sitwazzjonijiet ta' kriżi huma test partikolari għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha u r-rispett għall-prinċipji demokratiċi. Il-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha qed ikollhom impatt negattiv dejjem akbar fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, inkluż fuq l-ispazju ċiviku. Qed tkompli tkabbar l-inugwaljanzi li kienu jeżistu qabel u żżid il-pressjoni fuq persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. F'dan il-kuntest, l-investment fid-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u spazju ċiviku abilitanti huwa essenzjali biex jinkisbu soċjetajiet aktar ġusti, aktar ekoloġiċi, aktar reżiljenti u aktar inklużivi. Fi żmien meta d-drittijiet tal-bniedem għadhom qed jinkisru, u meta d-demokrazija qed tiffaċċa sfidi serji u l-ispazju għas-soċjetà ċivili qed jinxtorob u qed jiġi ristrett ħafna f'bosta partijiet tad-dinja, inkluż minn stati li jużaw il-pandemija tal-COVID-19 bħala skuża biex ma jiġux rispettati l-istat tad-dritt u l-impenji internazzjonali, jitnaqqsu d-drittijiet tal-bniedem u jiġi ristrett l-ispazju ċiviku, l-UE tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tas-Sejħa għal Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, kif ukoll it-tmexxija tiegħu fit-tqegħid tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tar-rispons għall-COVID-19. Il-Kunsill ifakkar li kwalunkwe restrizzjoni għad-drittijiet tal-bniedem għandha tkun strettament konformi mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari tkun preskritta mil-liġi, meħtieġa, proporzjonata, ta' natura temporanja, u mhux diskriminatorja.

3. Il-Kunsill jissottolinja li d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt ser jibqgħu fil-qalba tar-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru minnha kif iddikjarat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-effetti fit-tul possibbli tal-pandemija fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha, inkluż il-libertajiet fundamentali, l-ugwaljanza u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. L-istandards internazzjonali applikabbli għandhom jiġu rispettati f'dan ir-rigward. Dan jinkludi l-iżgurar ta' approċċ li jqis il-ġeneri u l-età u sensitiv għad-diżabbiltà kif ukoll miżuri mmirati għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli matul il-pandemija u fil-pjanijiet ta' rkupru.
4. L-UE tiegħu l-impenn li tiżgura li r-rispons tagħna jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità ta' kulħadd mingħajr l-ebda tip ta' diskriminazzjoni. Ħadd ma għandu jitħalla l-art, ebda dritt tal-bniedem ma għandu jiġi injorat.

Bini mill-ġdid aħjar

5. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li rispons soċjoekonomiku bid-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tiegħu ser jippermetti rkupru aħjar u aktar sostenibbli. Il-pandemija tal-COVID-19 hija wkoll twissija għat-theddida saħansitra akbar tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali. L-azzjoni tal-UE għandha tkun iggwidata mill-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, u msejsa fuq id-drittijiet tal-bniedem. Din għandha tgħin ukoll biex jiġu żgurati politiki ta' rkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 li jkunu sostenibbli u sensitivi għall-klima bħala element importanti ta' strateġija ta' tkabbir sostenibbli li jiżgura tranżizzjoni reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inklużiva u ġusta għal kulħadd lejn ekonomija ambjentalment sostenibbli.

6. Il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 aggravaw l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi globali, wasslu għal żieda fil-qgħad, heddew l-koeżjoni soċjali, u laqtu b'mod sproporzjonat lill-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u daww żvantaġġati u emarġinati, inkluż daww l-aktar milquta mill-faqar, il-persuni fl-ekonomija informali, il-persuni qiegħda, in-nisa u l-bniet, il-persuni b'diżabbiltà, l-persuni akbar fl-età, il-persuni li ġejjin minn minoranzi, fosthom il-minoranzi nazzjonali, etniċi u reliġjużi, il-persuni LGBTI, il-migranti u r-refuġjati, it-tfal u ż-żgħażaġħ. L-UE aġixxiet malajr permezz ta' miżuri immedjati ta' għajnuna ekonomika li jindirizzaw il-konsegwenzi soċjali u tal-impjiegi tar-reċessjoni ekonomika. L-UE ser tiffoka wkoll fuq politiki inklużivi biex ittaffi l-konsegwenzi fit-tul, inkluż billi tappoġġa liż-żgħażaġħ. Il-protezzjoni soċjali, id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja tax-xogħol u l-interventi ekonomiċi għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà, u daww f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-UE tappella għar-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-migranti, ir-refuġjati u l-persuni spostati internament kollha, b'attenzjoni speċjali għal daww l-aktar vulnerabbli, inkluż it-tfal.
7. Il-Kunsill huwa mħasseb ħafna dwar l-impatt sproporzjonat u negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet u fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar id-dinja. Peress li n-nisa jirrappreżentaw madwar 70 % tal-forza tax-xogħol globali fis-settur tal-kura tas-saħħa u dak soċjali, huma kienu fuq quddiem nett tar-rispons għall-pandemija u ġew affettwati b'mod sproporzjonat minn telf ta' impjiegi u introjtu, sfruttament tal-ħaddiema, għeluq ta' skejjel, u żieda f'xogħol ta' indukrar mhux imħallas. Huma sofrew ukoll żieda fil-vjolenza domestika u aċċess interrott għas-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva. L-UE ser tintensifika l-isforzi tagħha biex tiżgura rkupru bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u sensitiv għall-ġeneri, konxja b'mod partikolari mill-ħtieġa li tiġi żgurata t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet. L-UE ser tkompli tippromwovi l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u vjolenza abbażi tal-ġeneru, kemm online kif ukoll offline, u ser tmexxi l-Koalizzjoni ta' Azzjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru għall-Forum Ġenerazzjoni Ugwaljanza.

8. Il-Kunsill huwa mħasseb ukoll dwar l-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 fuq id-drittijiet tat-tfal madwar id-dinja, b'mod partikolari dawk it-tfal li jgħixu f'sitwazzjoni diġà żvantaġġata jew vulnerabbli, kif ukoll dawk affettwati minn konflitti armati. L-Unjoni Ewropea ser iżżid l-isforzi tagħha biex taħdem mas-sħab tagħha u biex tpoġġi lit-tfal fiċ-ċentru tal-isforzi ta' rkupru u biex tiżgura li d-drittijiet tagħhom jiġu rispettati bis-sħiħ u li jkunu protetti mill-forom kollha ta' faqar, vjolenza, sfruttament, negliġenza u abbuż.
9. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u x-Xogħol Deċenti fil-Ktajjen tal-Provvista Globali u fl-impenn tiegħu li jimplimenta l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jirrispetta u jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem, u l-liġi tax-xogħol u l-istandards kontra l-impatti negattivi kkawżati min-negozji, inkluż biex jiżgura li dawk affettwati mill-attivitajiet tan-negozju jkollhom aċċess għal rimedju effettiv.
10. Il-Kunsill jinsab imħasseb dwar l-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 fuq id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà li jammontaw għal 15 % tal-popolazzjoni dinjija. L-UE ser tintensifika l-ħidma tagħha mas-sħab tagħha biex tiżgura t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem mill-persuni b'diżabbiltà f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà kif ukoll biex tiżgura li l-ħtiġijiet tagħhom matul il-proċess ta' rkupru jiġu ssodisfati bis-sħiħ.
11. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid id-dritt ta' kulħadd għat-tgawdija tal-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali. Huwa essenzjali li l-immunizzazzjoni kontra l-COVID-19 titqies bħala ġid pubbliku globali u li jiġi żgurat aċċess globali f'waqtu, ġust u ekwu għal vaċċini, terapiji u dijanjostika sikuri, affordabbli u effettivi.

12. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u, f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR). B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-hteġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.
13. It-tisħiħ tar-rwol ta' tmexxija u ta' koordinazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fis-saħħa globali, it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u l-kisba ta' kopertura universali tas-saħħa, il-kapaċità ta' tħejjija u rispons aħjar fil-livelli globali, reġjonali u nazzjonali għall-pandemiji, fl-applikazzjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa, l-iżgurar tal-aċċess għall-ilma, l-iġjene u s-sanità, u l-promozzjoni ta' approċċi komprensivi, inklużivi u nondiskriminatorji għas-saħħa pubblika huma prijoritajiet ewlenin.
14. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kemm online kif ukoll offline, inkluż id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, huwa importanti aktar minn qatt qabel biex jgħinna nirkupraw aħjar u aktar malajr wara l-pandemija tal-COVID-19. L-UE tirrikonoxxi li r-rwol tagħhom ser ikompli jkun importanti biex jinkoraġġixxu s-solidarjetà, jappoġġaw lil dawk li huma l-aktar fil-bżonn, jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-ispazju demokratiku, u jippromwovu l-irfiġh tar-responsabbiltà għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. L-attakki kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem żdiedu drastikament f'xi pajjiżi matul il-COVID-19. L-UE tibqa' impenjata li tiżgura ambjent favorevoli li jippermetti lid-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem iwettqu l-ħidma kruċjali tagħhom b'mod liberu u sikur.

15. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet ir-rwol kruċjali ta' media ħielsa, pluralistika u indipendenti bħala komponent essenzjali ta' soċjetà demokratika, li tipprovdi liċ-ċittadini b'informazzjoni affidabbli u bbażata fuq il-fatti, filwaqt li tikkontribwixxi biex jiġu salvati l-ħajjiet. F'dan ir-rigward, il-promozzjoni tas-sikurezza tal-ġurnalisti hija ta' importanza ewlenija. Id-diżinformazzjoni, online jew offline, tista' tpoġġi l-ħajjiet fil-periklu. Huwa kruċjali li d-diżinformazzjoni tiġi miġġielda b'mod deċiżiv b'komunikazzjoni trasparenti, f'waqtha u bbażata fuq il-fatti inkluż matul il-fażi tal-irkupru, u b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetajiet. Is-salvagwardja tal-libertà tal-espressjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu fil-media u l-informazzjoni huma miżuri ewlenin fit-tul kontra d-diżinformazzjoni u l-konsegwenzi tagħha.
16. Il-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat id-diġitalizzazzjoni tas-soċjetajiet tagħna u ġiegħlet lil ħafna minna naħdmu, nitgħallmu u nissoċjalizzaw minn distanza. Soluzzjonijiet diġitali aċċessibbli huma parti essenzjali mir-rispons tal-UE għall-coronavirus. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet diġitali tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, bl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' edukazzjoni elettronika u ta' taġlim diġitali mill-bogħod, huwa kruċjali għat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetajiet affettwati, kif inhi l-ħtieġa li jingħalqu d-distakki diġitali. It-teknoloġiji diġitali li għandhom il-potenzjal li jgħinu fit-trażżin tal-pandemija jridu jkunu inklużivi u mfassla, żviluppati u użati b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għall-privatezza. Il-Kunsill ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem japplikaw bl-istess mod online u offline u irrispettivament mit-teknoloġija użata.

Naħdmu flimkien

17. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2020 dwar ir-Rispons Globali ta' Tim Ewropa għall-COVID-19 li fost l-oħrajn jirreferu għall-Komunikazzjoni Konġunta tat-8 ta' April 2020 dwar ir-Rispons Globali għall-COVID-19 u li jissottolinjaw li l-UE ser tkompli tippromwovi u tiddefendi l-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni bejn il-ġeneri, kondizzjonijiet tax-xogħol deċenti, kif ukoll il-valuri fundamentali u l-prinċipji umanitarji.

18. Il-Kunsill jenfasizza li l-approċċ ta' Tim Ewropa jikkontribwixxi biex juri t-tmexxija, ir-responsabbiltà u s-solidarjetà globali tal-UE. Il-Kunsill jagħraf il-kontributi importanti li saru mill-membri kollha ta' Tim Ewropa bħala parti mir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19.
19. Il-pandemija attwali wriet kemm huma kruċjali s-solidarjetà globali u l-istituzzjonijiet multilaterali għas-saħħa, il-prosperità u s-sigurtà globali. Il-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali huma wkoll ta' importanza partikolari. L-Unjoni Ewropea tappoġġa r-rwol importanti tas-sistema tan-NU fil-mobilizzazzjoni u l-koordinazzjoni tar-rispons globali għall-pandemija bid-drittijiet tal-bniedem fuq quddiem nett. Irridu nitgħallmu l-lezzjonijiet b'mod kollettiv biex id-dinja nagħmluha aktar reżiljenti fil-futur. B'appoġġ għas-sejħa tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex "Nibnu mill-Ġdid Aħjar", ser naħdmu flimkien biex inwittu t-triq għal irkupru li jibni soċjetajiet sostenibbli, ekwi u inklużivi u biex nibnu mill-ġdid aħjar u b'mod aktar ekoloġiku.
20. Il-Kunsill ser jibqa' jsegwi l-kwistjoni u ser ikompli jipprovdi gwida strateġika.
